IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-VIRTÙ**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 23**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 26 ta' Mejju 2016 fis-5.45 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Sam Abela | Ċerpersin |
| Is-Sra Renate Guillaumier | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sna Louise Agius | Membru |
| Is-Sna Audrey Sant | Membru |
| | |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christopher Farrugia | Membru |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta B20**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B20 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B20.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B20**

2.01 2.01 Is-Sna Louise Agius ipproponiet li terġa' tissejjagħ laqgħa mal-kuntrattur tas-*soft areas*. Iċ-Ċerpersin Is-Sur Sam Abela ssekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. Diskussjoni dwar is-*soft areas*.

2.02 5.03 Is-Sna Louise Agius ipproponiet li terġa' tissejjagħ laqgħa mal-kuntrattur tal-knis manwali. Iċ-Ċerpersin is-Sur Sam Abela ssekonda din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament. Ilment dwar il-knis manwali

2.03 5.04 Is-Sra Renate Guillaumier saħqet li r-*refresh* tas-sinjali tat-traffiku nbeda, iżda għadu ma tlestiex kullimkien.

*Refresh* tas-sinjali tat-traffiku, ġewwa tal-Virtù

**3.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta B21**

3.01 Il-minuti tas-seduta nru B21 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B21.

4.00 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta B22**

4.01 Il-minuti tas-seduta nru B22 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati miċ-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv.

Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B22.

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Sam Abela ppropona li tintbagħat ittra lis-Supretendent tal-Pulizija dwar l-inkonvenjent li qed jinħoloq lir-residenti ta' tal-Virtù kull meta qed jiġu organizzati *parties* fil-Kastell tal-Virtù. Is-Sna Louise Agius issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel.

Ilmenti dwar *parties* fil-Kastell tal-Virtù.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva diversi lmenti dwar dan l-inkonvenjent u tali lmenti kienu diġà ġew mgħoddija lill-pulizija peress li l-Kunsill m'għandux kontroll fuq attivitajiet li jsiru fi proprjetà ta' terzi.

5.02 Is-Sna Audrey Sant qalet li hemm *cover* ta' *water galley* imkisser fi Triq Carlo Fiamingo. Hija qalet ukoll li tibgħat imejl u ritratti fejn ser tindika eżattament fejn qiegħed dan il-*water galley*. Il-Kumitat qabel unanimament sabiex issir it-tiswija neċċessarja.

*Water galley* fi Triq Carlo Fiamingo.

5.03 Is-Sra Renate Guillaumier saħqet dwar il-bżonn li jinżebgħu l-bankijiet tal-belvedere u *r-railing* ta' l-istess belvedere. Is-Sur Sam Abela ppropona li jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex isiru tali xogħlijiet pers li tali xogħolijiet baqgħu ma sarux mill-*handyman* tal-Kunsill. Is-Sra Renate Guillaumier issekondat din il-proposta. Il-Kumitat Amminstrattiv qabel unanimament.

Manutenzjoni tal-bankijiet u *r-railing* tal-*Belvedere*

5.04 Is-Sur Sam Abela ppropona sabiex it-tabella 'Merħba Virtù' għandha tiġi ordnata. Is-Sra Renate Guillaumier issekondat din il-proposta. Il-Kumitat qabel unanimament.

Tabella Merħba Virtù

## 6.00 Korrispondenza

| | | |
|---|---|---|
| 6.01 | Ma kien hemm l-ebda korrispondenza x'tiġi diskussa. | Korrispondenza |

## 7.00 Materji Oħra

| | | |
|---|---|---|
| 7.01 | Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi. | Materji Oħra |

## 8.00 Data tas-seduta li jmiss

| | | |
|---|---|---|
| 8.01 | Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 30 ta' Ġunju 2016, fis-5:45 ta' filgħaxija. | Data tas-seduta li jmiss |
| 8.02 | Il-laqgħa ntemmet fis-6:40 ta' filgħaxija. | |

Minuti approvati llum it-Tlieta 27 ta' Lulju 2016

**Sam Abela**
**Ċerpersin**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**